31979R2764

11.12.1979 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 315/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEFA, KEE, Euratom) nru 2764/79 tas-6 ta' Diċembru 1979 li emenda r-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru. 300/76 jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għal allowances għal xogħol bix-xift, u r-rati u l-kondizzjonijiet tagħhom

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru. 259/68 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' l-impieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (Euratom, KEFA, KEE) Nru 3085/78 [2], u b'mod partikolari it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 56a tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni, sottomessa wara li ġie kkonsultat il-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Billi huwa l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni sottomessa wara li ikkonsultat il-Kumitat tar-Regolamneti tal-Persunal, li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għal *allowances* għal xogħol bix-xift, u r-rati u l-kondizzjonijiet tagħhom;

Billi l-persunal impjegat f'ċerti servizzi tat-*telex* jaħdem bix-xiftijiet fis-sens ta' l-Artikolu 56a tar-Regolamenti tal-Persunal; billi r-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 [3] għandu jiġi emendat b'mod korrispondenti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 it-test tal-parti ta' l-ewwel subparagrafu li tippreċedi l-inċiżi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Uffiċjal imħallas minn approprijazzjonijiet ta' riċerka u investiment u impjegat f'istabbiliment taċ-Ċ¬entru Konġunt tar-Riċerka jew f'azzjoni indiretta, jew imħallas minn approprjazzjonijiet ta' operazzjoni u impjegat f'ċentru tal-kompjuters, f'dipartiment tas-sigurtà jew f'servizz tat-*telex,* li jaħdem bix-xift fis-sens ta' l-Artikolu 56a tar-Regolamenti dwar il-Persunal, għasndu jkun intitolat għal allowance ta':"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar 1980.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 1979.

Għall-Kunsill

Il-President

L. PRETI

---

[1] ĠU No L 56, ta' l-4.3.1968, p. 1.
[2] ĠU L 369, tad-29.12.1978, p. 6.
[3] ĠU L 38, tat-13.2.1976, p. 1.